MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Numru 36/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Stephen Pirotta**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 36 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Stephen Pirotta li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-28 ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, David Azzopardi u t-tfajla tieghu Lorraine Nejjar kienu niezlin mir-Rabat bil-karozza w sejrin lejn id-dar. F'hin minnhom tfaccat karozza ohra warajhom u s-sewwieq taghha, l-akkuzat Stephen Pirotta, beda jdoqq il-horn sabiex ikun jista' jghaddi. Meta rnexxielu jghaddi, huwa laqat il-mera tal-karozza misjuqa minn David Azzopardi. Azzopardi saq ghal warajh u waqqfu gewwa Hal-Qormi biex jinfurmah li kien laqatlu l-mera. Wara argument qasir, u wara li Azzopardi pprova jitlaq minn fuq il-post peress li nduna bl-aggressivita' ta' l-akkuzat, Stephen Pirotta, dolozament ,

bil-hsieb li joqtol lil David Azzopardi, jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, hareg sikkina w tah daqqa qawwija biha go sidru. David Azzopardi pprova jsuq lejn l-isptar biex jigi kkurat ghall-feriti li kien garrab izda, kif wasal il-Hamrun, baqa' diehel go arblu w intilef minn sensieh. Hawnhekk Lorraine Nejjar infurmat lil xi Pulizija li kienu fuq il-post b'dak li kien gara w ftit wara Azzopardi ttiehed l-isptar bl-ambulanza. Kien biss l-intervent tempestiv tat-tobba li operawh immedjatament – fattur accidentali w indipendenti mill-volonta' ta' Stephen Pirotta – li l-hajja ta' Azzopardi giet salvata. Effettivament irrizulta li s-sikkina kienet ippenetrat fil-kustilji, fis-sider u fil-fwied ta' David Azzopardi w li kieku ma giex operat immedjatament kien jizvina w imut.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Stephen Pirotta sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mil- volonta' tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Stephen Pirotta ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mil-volonta' tieghu.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal-piena ta' prigunerija minn tmien snin sa tletin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 23 u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

U peress illi l-imsemmi Stephen Pirotta kiser il-kundizzjoni lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati

(Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Lulju 2005 fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Stephen Pirotta”, talab li jigi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta’ l-Att dwar il-Probation (Kap. 446).

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fl-Ewwel Kap ta’ dan l-Att ta’ Akkuza, w cioe’ fit-28 ta’ Settembru, tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, l-akkuzat Stephen Pirotta, f’Hal-Qormi, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil David Azzopardi, jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, hareg sikkina w tah daqqa qawwija biha go sidru. Fil-mument ta’ dan id-delitt Stephen Pirotta kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari, liema arma giet effettivament uzata fil-kommissjoni ta’ l-imsemmi delitt volontarju fuq il-persuna ta’ David Azzopardi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Stephen Pirotta sar hati talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, w dan minghajr ghan legittimu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Stephen Pirotta talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l- persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, w dan minghajr ghan legittimu.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 26(a) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikolu 55(a) ta’ l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)] u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

U peress illi l-imsemmi Stephen Pirotta kiser il-kundizzjoni lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati

(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Pirotta", talab li jigi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446).

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi msemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza, w cioe' fit- 28 ta' Settembru, tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, l-akkuzat Stephen Pirotta, f'Hal-Qormi, kellu fuq il- persuna tieghu sikkina minghajr ma kien debitament licenzjat mill- Kummissarju tal-Pulizija. L-akkuzat fil-fatt ta daqqa fis-sider ta' David Azzopardi b'din is-sikkina kif gja spjegat fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Stephen Pirotta sar hati talli, kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Stephen Pirotta talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil- ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 13(1) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikolu 6 ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)] u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

U peress illi l-imsemmi Stephen Pirotta kiser il-kundizzjoni lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Pirotta", talab li jigi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446).

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fit-28 ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, l-akkuzat Stephen Pirotta kien niezel b'velocita' qawwija mir-Rabat bil-karozza tieghu. F'hin minnhom sab quddiemu karozza ohra misjuqa minn David Azzopardi. Pirotta beda jdoqq il-horn peress li ma setghax jghaddi. Fil-frustrazzjoni tieghu huwa qabad u ghamel manuvra traskurata w, ghalkemm ma tantx kien hemm spazju, qabez lil Azzopardi. Fil-fatt f'din il-manuvra laqat il-mera tal-karozza misjuqa minn David Azzopardi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Stephen Pirotta sar hati talli saq motor-car jew vettura ohra bi traskuragni kbira.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Stephen Pirotta talli saq motor-car jew vettura ohra bi traskuragni kbira.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur u tiskwalifikah milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 15(1)(a)(2)(3) ta' l-Ordinanza dwar ir-Reolament tat-Traffiku (Kap. 65) u l-artikoli 30 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

U peress illi l-imsemmi Stephen Pirotta kiser il-kundizzjoni lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Pirotta", talab li jigi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446).

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza, w cioe' fit- 28 ta' Settembru, tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, l-akkuzat Stephen Pirotta, f'Hal-Qormi,

dolozament, bil-hsieb li joqtol lil David Azzopardi, jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, hareg sikkina w tah daqqa qawwija biha go sidra. Dak il-hin, apparti minn David Azzopardi, kien hemm ukoll prezenti t-tfajla tieghu Lorraine Nejjar u dan l-agir kriminali ta’ l-akkuzat kien tali li nissel thassib f’mohhom dwar l-inkolumita’ fizika taghhom.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Stephen Pirotta sar hati talli, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Stephen Pirotta talli kiser volontarjament il-bon-ordni jew il- kwiet tal-pubbliku.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ detenzjoni ghal zmien xahrejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

U peress illi l-imsemmi Stephen Pirotta kiser il-kundizzjoni lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Lulju 2005 fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Stephen Pirotta”, talab li jigi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta’ l-Att dwar il-Probation (Kap. 446).

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-bierah 23 ta’ Frar, 2010 li bih, b’ seba’ (7) voti favur u b’ zewg (2 ) kontra sabu lill-akkuzat Stephen Pirotta hati tal-ewwel, it-tieni w r-raba’ Kapi tal-Att tal-Akkuza w li bih unanimament sabuh hati tat-tielet u tal-hames kapi tal-Att ta’ l-Akkuza.

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament iddikjaraw lil Stephen Pirotta hati tal-addebitu li kiser il-kondizzjoni tal-liberta’ kondizzjonali lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’

Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Pirotta", kif migjub fil-hames kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat Stephen Pirotta hati talli
1. fit-28 ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, f'Hal-Qormi, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil David Azzopardi jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, w dana skond l-Ewwel Kap. tal-Att tal-Akkuza;
2. fit-28 ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, f'Hal-Qormi, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l- persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, w dan minghajr ghan legittimu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3. fit-28 ta' Settembru, tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, f'Hal-Qormi, kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija, w dana skond it-Tielet Kap. tal-Att tal-Akkuza;
4. fit-28 ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, saq motor-car jew vettura ohra bi traskuragni kbira, w dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza;
5. fit-28 ta' Settembru, tas-sena elfejn u hamsa (2005), kmieni filghodu, ftit wara nofs il-lejl, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal- pubbliku.
6. U li b' dan l-agir tieghu, kiser il-kondizzjoni tal-liberta' kondizzjonali lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Pirotta", kif migjub fil-hames kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Anglu Farrugia**, li jinsabu kollha registrati w cioe' :-

1. Illi wara li l-hati ta d-daqqa ta' sikkina hu stess iddezista b'mod volontarju;
2. mill-ewwel ikkoopera mal-investigaturi w anki halla jittiehdu *"swabs"* minn fuq gismu w mill-ewwel qal li kien involut fl-incident;
3. li l-hati kien ghaddej minn problemi serji tal-familja fi zmien ta' l-incident;
4. li r-reati li taghhom instab hati precedentement huma kollha relatati mal-istess problema;
5. li l-verdett fuq l-ewwel, it-tieni w ir-raba' Kapi ma kienx wiehed unanimu;
6. li hekk il-Qorti kellha tara l-fedina penali ta' Azzopardi kienet issib li din ma kienitx wahda nadifa;
7. li l-hati iddispjacih ghal dak li kien ghamel u kien sahansitra ddikjara dan fl-ahhar ta' l-istqarrija tieghu.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Nadine Sant**, li jinsabu registrata w cioe' :-

1. illi mhux veru li kien hemm xi "volontarily desistance" ghaliex biex waqqaf lill-hati, l-vittma kellu jimbuttalu idu w sahansitra jghidlu "Sorry. Ma gara xejn. Ghaliex qed toqtolni?" u t-tfajla tal-vittma kienet il-hin kollu tghajjat biex ihallih;
2. li lanqas ma kien minnu li l-hati kien ikkoopera mal-ewwel mal-investigaturi ghaliex l-ewwel ma fethilhomx il-bieb tad-dar tieghu meta marru biex jarrestawh u kellhom jitfghu l-bieb gewwa mbaghad qal biss li kien involut f'incident Hal-Qormi pero' cahad li kien ta b'xi sikkina. Kien biss l-ghada li qal li kien ta daqqa ta' mus u kien biss wara li l-investigaturi semghuh jaghmel referenza ghall-kelma "irmejtha" li mbaghad ammetta li d-daqqa li kien ta kienet b'sikkina. Inoltre huwa kien rema' l-istess sikkina w c-carruta li biha mesah id-demm f'post fejn dawn baqghu ma nstabux u kif dahal id-dar inhasel u hasel il-hwejjeg li kien bihom;
3. li dan kien attakk mill-aktar brutali tant li s-sikkina kbira li ntuzat u li dahlet minn quddiem tas-sider ghall-ftit milimetri ma hargitx minn daru;
4. illi l-vittma ma mietx b'xorti tajba w ghax saret l-operazzjoni tempestivament;

5. li l-vittma w it-tfajla tieghu ser jibqghu igorru t-trawma ta’ dan l-incident tul hajjithom kollha;
6. li l-hati qatt ma ghamel apologija lill-vittma;
7. li l-fedina penali tal-hati turi storja ta’ incidenti ripetuti ta’ aggressivita’, xorb u infrazzjonijiet tal-ligijiet stradali;
8. li minkejja li l-hati kien gie liberat b’kundizzjoni ftit aktar minn xahrejn qabel l-incident mertu ta’ din il-kawza, wara li nstab hati li kkaguna ferita gravi fuq persuna, baqa’ ma tghallem xejn u ftit gimghat wara kkommetta tentattiv ta’ omicidju w minn dak inhar l-hawn kellu kundanni ohra ghar-reati kommessi wara dan it-tentattiv ta’ omicidju.

Konsegwentement il-prosekuzzjoni ssottomettiet li f’dan il-kaz il-piena kellha tkun vicin il-massimu possibbli.

Ikkonsidrat;

Illi dan l-incident bla bzonn sehh bla ebda raguni w biss minnhabba “road rage” li kienet ghal kollox provokata mill-hati, meta ma ssaportiex isuq wara Azzopardi w pprova jissorpassah b’ mod traskurat, bir-rizultat li laqatlu l-mera tal-karozza tieghu. Meta Azzopardi – bir-ragun - beda jpaqpaqlu biex jieqaf halli jghidlu li kien laqatlu l-mera , hu baqa’ jsuq ghal certa distanza sakemm waqaf fejn roundabout aktar ‘ l isfel fit-triq u wara diverbju qasir ma Azzopardi, bla ebda raguni ta’ xejn u semplicement ghax Azzopardi qallu li jekk l-ghada filghodu kien ser isib xi hsara ohra fil-car tieghu , kien ser jirraportah, ghax kien hadlu n-numru, l-hati mar jigri fil-karozza tieghu, gab sikkina kbira w niffed sider u zaqq Azzopardi fil-fond, bil-konsegwenza li dan kien ser imut kieku ma giex operat tempestivament.

Dan l-agir tal-hati jidher li ma kienx uniku, tant li proprju xahrejn qabel kien ukoll instab hati ta’ incident vjolenti fejn ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq persuna w gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. Dan ma sewa’ ghal xejn pero’ ghax proprju ftit xhur wara ghamel reat vjolenti b’ arma aktar serju minn hekk.

Il-fedina penali aggornata tal-hati mbaghad turi storja twila ta’ kundanni ghall-glied u incidenti simili li kollha jindikaw li

l-hati hu bniedem vjolenti w aggressiv u ta’ perikolu ghas-socjeta’ civili.

Qieset li dawn l-incidenti ta’ “road rage” kull ma jmorru qed jizdiedu fil-frekwenza w fil-gravita’ taghhom u li qed jigri ta’ spiss li mill-icken suffarell jeskalaw ghall-incidenti gravissimi w ghalhekk il-Qrati jridu bil-fors jiehdu veduta serja taghhom u ma jittrattawhomx b’mod legger.

Qieset li, ghall-fini tal-piena, r-reat taht it-tieni imputazzjoni w dak taht il-hames imputazzjoni huma assorbiti fir-reat taht l-ewwel imputazzjoni ghaliex hemm il-konkors formali jew ideali bejn dawn it-tlitt reati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) ta’ l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), 13(1), 26(a) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikoli 6 u 55(a) ta’ l-Att dwar l-Armi (Kap. 480) ], l-artikoli 17,23, 30, 31, 41(1)(a), 211(1)(2), 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati **Stephen Pirotta** ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-sena prigunerija w tordna li jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlitt (3) xhur mil-lum kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ disa’ mija w disgha w sittin Euro w seba’ w tletin centezmi (€ 969.37), import ta’ l-ispejjez peritali, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dana li l-Qorti qed taghmilha cara li qed teskludi minn dan l-ammont totali l-ispiza tal-perizja ta’ Dr. Renald Blundell, stante li din ir-relazzjoni ma ntuzatx fil-proceduri quddiem din il-Qorti.

Inoltre, peress li skond l-artikolu 23 (1)(b) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, jirrizulta lil din il-Qorti li l-hati kiser il-kundizzjoni lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Lulju, 2005, din il-Qorti qed tibghat lill-hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D) li ghamlet l-ordni ta’ liberazzjoni kondizzjonata, biex tittratta mal-hati ghar-reat li dwaru kienet saret l-ordni b’kull mod li tista’ tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta’ dak ir-reat.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------